# Animazzjoni - It- 2 Ħadd tal-Avvent (Sena Ċ)

**Dħul:**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-tieni Ħadd tal-Avvent. Hekk kif qegħdin f'din il-mixja ta' preparazzjoni għall-miġja ta' Ġesù fostna, il-liturġija ta' dan il-Ħadd tħeġġiġna sabiex nħejju t-triq għaliH biex tassew qalbna tkun lesta biex tilqa' fiha lil Ġesù tarbija.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-qari tal-lum, San Ġwann jistedina biex inħejju t-triq għall-Mulej. Din l-istedina għalina l-Insara hija importanti ħafna għax tħallina nishru biex nitaqgħu mal-Mulej. Fiż-żmien il-profeti, naraw li l-profeti infushom kienu joffru din il-possibiltà lill-Poplu Lhudi biex bħala poplu iħares 'l-fuq lejn Alla u jafda fiH. Liema possibiltà n-nisrani kien jgħamila meta kien joħroġ ixandar l-evanġelju tal-Mulej.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Kbir f'għemilu l-Mulej magħna.

**Offertorju:**

Sabiex f'dan il-Milied nilqgħu verament il Ġesù fostna jeħtieġ li sa minn issa inħejju ruħna u qalbna għalih. l-Avvent huwa żmien ta' stennija u ta' sahra. Ejjew għalhekk noffru lil Alla l-ħidmiet kollha li nwettqu flimkien mal-ħajja kollha tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-vera Nisrani ma jibżax ifittex l-għajnuna u l-qawwa li jkollu bżonn fil-mumenti l-aktar diffiċli, għax jaf li l-vera għajnuna u qawwa jiġu mingħand il-Mulej. Huwa propju fit-tqarbin, li aħna nirċievu dik il-qawwa li tgħinna u tqawwina sabiex ikollna l-qawwa ngħixu verament il-fidi tagħna.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.